**A.L. -- tal-2026**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**

**(KAP. 549)**

# Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**

**L.S. 549.76.**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali, u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

**Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.**

**2.** Fir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali immedjatament wara l-kliem "Emissjonijiet Industrijali" għandhom jiżdiedu dawn il-kliem "u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem".

**Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.**

**3.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

''(1) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw parti mid-Direttiva (UE) 2024/1785 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunstill tal-24 ta' April 2024 li temenda d-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill.

(b) Is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

''(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu wkoll qafas għall-prevenzjoni u l-kontroll integrat tat-tniġġis li joriġina minn ċertu attivitajiet industrijali. Dawn jistabbilixxu wkoll ir-regoli maħsuba biex jevitaw jew, fejn dan mhux prattikabbli, biex kontinwament inaqqsu l-emissjonijiet fl-arja, fl-ilma u fl-art, għall-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart, għat-titjib tal-effiċjenza tar-riżorsi, u għall-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari u d-dekarbonizzazzjoni, sabiex jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent fl-intier tiegħu.''

(c) Immedjatament wara s-subregolament (2) għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej:

''(3) Dawn ir-regolamenti jipprovdu għat-twettiq tar-:

**L.S.549.77**

a) Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali;

**L.S.549.78**

b) Regolamenti dwar Impjanti Kbar tal-Kombustjoni fir-rigward ta' Emissjonijiet Industrijali;

L.S.549.79

c) Regolamenti dwar Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi Volatili fl-Emissjonijiet Industrijali;

L.S.549.80

d) Regolamenti dwar Dijossidu tat-Titanju fir-rigward ta' Emissjonijiet Industrijali;

L.S.549.81

e) Regolamenti dwar l-Inċinerazzjoni tal-Iskart fir-rigward tal-Emisjsonijiet Industrijali;

L.S.549.XX

f) Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali (Dispoizzjonijiet Speċjali għat-Trobbija tat-Tjur u tal-Majjali). ''

**Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.**

**4.** Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Id-definizzjoni ta' "konklujonijiet tal-BAT" għandu jiġi sostitwit b'din id-definizzjoni ġdida li ġejja:

'"konklużjonijiet tal-BAT'' tfisser dokument li jkun fih il-partijiet ta' dokument ta' riferenza tal-BAT li jistabilixxi l-konklużjonijiet dwar l-aħjar metodi tekniċi disponibbli u l-metodi tekniċi emerġenti, id-deskrizzjoni tagħhom, l-informazzjoni biex tiġi vvalutata l-applikabilità tagħhom, il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati ma' dawk il-metodi t-tekniċi, il-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati ma' dawk il-metodi tekniċi, il-kontenut ta' sistema ta' ġestjoni ambjentali inklużi l-parametri ta' riferiment marbutin mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, il-monitoraġġ marbut magħhom, il-livelli ta' konsum marbutin magħhom u, fejn ikun xieraq, il-miżuri rilevanti biex is-siti jiġu rrimedjati";

(b) Immedjatament wara d-definizzjoni "operatur" għandha tiżdied din id-definizzjoni ġdida li ġejja:

" ''parametri referenzjarji' tfisser il-firxa indikattiva tal-livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, li għandha tintuża bħala referenza fl-EMS;'';

(ċ) Id-definizzjoni ta' "l-aħjar metodi tekniċi" għandha tiġi sostitwita b'din id-definizzjoni ġdida li ġejja:

" "l-aħjar metodi tekniċi" jew "BAT" tfisser l-aktar stadju effikaċi u avvanzat fl-iżvilupp ta' attivitajiet u l-metodi tagħhom ta' tħaddim li jindika l-adattabilità prattika ta' metodi tekniċi partikolari li tipprovdi l-bażi għall-valuri li jillimitaw l-emissjonijiet u kondizzjonijiet oħra tal-permessi maħsuba biex jiġu evitati u, fejn dan ma jkunx prattiku, li jitnaqqsu l-emissjonijiet u l-impatt fuq l-ambjent kollu kemm hu:

(a) "metodi tekniċi" tinkludi kemm it-teknoloġija użata kif ukoll il-mod li bih l-istallazzjoni tkun iddisinjata, mibnija, imħaddma u dekommissjonata;

(b) "metodi tekniċi disponibbli" tfisser dawk il-metodi tekniċi żviluppati fuq skala li tippermetti t-twettiq tagħhom fis-settur industrijali rilevanti, taħt kundizzjonijiet ekonomiċi u teknikament vijabbli, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet u l-vantaġġi, indipendentement minn jekk tali metodi tekniċi jintużawx jew jiġux prodotti fl-Unjoni, dment li dawn ikunu raġonevolment aċċessibbli għall-operatur;

(c) "l-aħjar" tfisser l-aktar effikaċi sabiex jintlaħaq livell ġenerali għoli ta' protezzjoni tal-ambjent b'mod ġenerali, inklużi s-saħħa tal-bniedem u l-ħarsien tal-klima;";

(d) Immedjatament wara d-definizzjoni "bijomassa" għanda tiżdied din id-definizzjoni ġdida li ġejja:

" ''CEN'' tfisser il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (Comité Européen de Normalisation), il-korp Ewropew tal-istandardizzazzjoni li jippubblika l-Istandards Ewropej (ENs) u dokumenti tekniċi relatati, rikonoxxuti taħt il-liġi tal-UE għal skopijiet ta' armonizzazzjoni u standardizzazzjoni;'';

(e) Immedjatament wara d-definizzjoni "l-aħjar metodi tekniċi disponibbli" għandha tiżdied din id-definizzjoni ġdida li ġejja:

'' "assigurazzjoni tal-konformità' tfisser mekkaniżmi biex tiġi żgurata l-konformità bl-użu ta' tliet kategoriji ta' intervent: il-promozzjoni tal-konformità; il-monitoraġġ tal-konformità; segwitu u infurzar;

(f) immedjatament wara d-definizzjoni "tniġġis"għandha tiżdied din id-definizzjoni ġdida li ġejja:

"trasformazzjoni industrijali profonda" tfisser it-twettiq mill-operaturi industrijali ta' metodi tekniċi ġodda jew tal-aħjar metodi tekniċi disponibbli li jinvolvu bidla kbira fid-disinn jew fit-teknoloġija tal-istallazzjoni kollha jew parti minnha jew is-sostituzzjoni ta' stallazzjoni eżistenti bi stallazzjoni ġdida, li tippermetti tnaqqis estremament sostanzjali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'konformità mal-objettiv tan-newtralità klimatika u tottimizza l-kobenefiċċji ambjentali, mill-inqas għal-livelli li jistgħu jintlaħqu mill-metodi tekniċi identifikati fil-konklużjonijiet tal-BAT applikabbli, filwaqt li jitqiesu l-effetti transmedjali;";

(g) Immedjatament wara d-definizzjoni "il-livelli ta' emissjonijiet assoċjati ma' metodi tekniċi disponibbli" għandha tiżdied din id-definizzjoni ġdida li ġejja:

" "livelli ta' emissjonijiet assoċjati ma' metodi tekniċi emerġenti" tfisser il-firxa ta' livelli ta' emissjonijiet miksuba f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim bl-użu ta' metodu tekniku emerġenti jew b'taħlita ta' metodi tekniċi emerġenti, kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT, espressi bħala medja fuq perjodu ta' żmien partikolari, f'kundizzjonijiet ta' riferenza speċifikati;'';

(h) Immedjatament wara d-definizzjoni ta' "permess" għandha tiżdied din id-definizzjonijiet ġdida li ġejja:

'' "prestazzjoni ambjentali" tfisser il-prestazzjoni fir-rigward tal-livelli ta' konsum, l-effiċjenza fir-riżorsi fir-rigward tal-materjali, ir-riżorsi tal-ilma u tal-enerġija, l-użu mill-ġdid tal-materjali u tal-ilma, u l-ġenerazzjoni tal-iskart;

(i) Immedjatament wara d-definizzjoni "valur limitu tal-emissjonijiet" għandha tiżdied din id-definizzjoni ġdida li ġejja:

''valur limitu tal-prestazzjoni ambjentali" tfisser valur tal-prestazzjoni inkluż f'permess, espress għal kundizzjonijiet speċifikati f'termini ta' ċerti parametri speċifiċ;

(j) Immedjatament wara d-definizzjoni "livell tal-kwalità ambjentali" għandhom jiżdiedu dawn id-definizzjonijiet ġodda li ġejjin:

''livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli" tfisser il-firxa ta' livelli ta' prestazzjoni ambjentali, miksuba f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim bl-użu ta' BAT jew taħlita ta' BATs; kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT;'';

"'livelli ta' prestazzjoni ambjentali assoċjati ma' metodi tekniċi emerġenti" tfisser il-firxa ta' livelli ta' prestazzjoni ambjentali, miksuba f'kundizzjonijiet normali ta' tħaddim, bl-użu ta' metodu tekniku emerġenti jew b'kombinazzjoni ta' metodi tekniċi emerġenti, kif deskritt fil-konklużjonijiet tal-BAT;

(k) Id-definizzjoni ta' "installazzjoni" għandha tigi sostitwita b'din id-definizzjoni ġdida li ġejja:

**L.S. 549.77.**

**L.S. 549.XX.**

**L.S. 549.79.**

'' "installazzjoni" tfisser unità teknika stazzjonarja li fiha titwettaq attività waħda jew aktar minn dawk elenkati fl-ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali, Skeda 1 tar-Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali (Dispozizzjonijiet Speċjali għat-Trobbija tat-Tjur u tal-Majjali) jew L-Iskeda 1 tar-Regolamenti dwar il-Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi Volatili fl-Emissjonijiet Industrijali, u kull attività oħra direttament assoċjata fuq l-istess sit li jkollha rabta teknika mal-attivitajiet elenkati f'dawk l-Annessi u li jista' jkollha effett fuq l-emissjonijiet u t-tniġġis;'';

(l) Immedjatament wara d-definizzjoni "installazzjoni" għandha tiżdied din id-definizzjoni li ġejja:

'' ''ISO'' tfisser l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, il-korp internazzjonali tal-istandardizzazzjoni stabbilita bħala organizzazzjoni mhux governattiva b'membri minn korpi ta' standards nazzjonali dinji, li tizviluppa u tippubblika Standards Internazzjonali (ISOs) u dokumenti tekniċi relatati applikabbli lill-prodotti, materjali, servizzi u proċessi.''

(m) immedjatament wara d-definizzjoni "turbina tal-gass" għandha tiżdied din id-definizzjoni ġdida:

**L.S. 549.XX.**

"unità ta' bhejjem" tfisser unità ta' kejl standard li tippermetti l-aggregazzjoni tad-diversi kategoriji ta' bhejjem sabiex ikunu jistgħu jitqabblu, u li hija kkalkolata bl-użu ta' koeffiċjenti għall-kategoriji ta' unitajiet ta' bhejjem individwali elenkati fl-ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali (Dispozizzjonijiet Speċjali għat-Trobbija tat-Tjur u tal-Majjali);

(n) Immedjatament wara d-definizzjoni "regoli ġenerali vinkolanti" għandha tiżdied din id-definizzjoni ġdida:"

'' "regoli operattivi'' tfisser ir-regoli inklużi fil-permessi jew ir-regoli ġenerali vinkolanti għall-operat tal-attivitajiet imsemmija fir-Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali (Dispożizzjonijiet Speċjali għat-Trobbija tat-Tjur u tal-Majjali, li jistabbilixxu l-valuri limitu tal-emissjonijiet, il-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali, ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ assoċjati, u fejn rilevanti l-prattiki ta' tifrix fir-raba', il-prattiki intiżi biex jevitaw jew itaffu t-tniġġis, il-ġestjoni nutrizzjonali, it-tħejjija tal-għalf, l-akkomodazzjoni, il-ġestjoni tad-demel, inklużi l-ġbir, il-ħżin, l-ipproċessar u t-tifrix tad-demel fir-raba', u l-ħżin ta' annimali mejta, u li jkunu konsistenti mal-użu tal-aqwa metodi tekniċi disponibbli;";

(o) Immedjatament wara d-definizzjoni "magna tal-gass" għandha tizdied id-definizzjoni ġdida li ġejja:"

" "majjali" tfisser majjali kif definiti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali;

(p) Id-definizzjoni "teknika emerġenti" għandha tiġi sostitwita b'dan id-definizzjoni ġdida li ġejja: ''metodu tekniku emerġenti" tfisser teknika ġdida għal attività industrijali li, jekk tiġi żviluppata kummerċjalment, tista' tipprovdi livell ġenerali ogħla ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent jew għallinqas l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent u ffrankar ta' spejjeż akbar milli jipprovdu l-aħjar metodi tekniċi disponibbli eżistenti;'';

(q) Id-definizzjoni ta' "tniġġis" għandha tiġi sostitwita b'din id-definizzjoni ġdida li ġejja:

'' "tniġġis" tfisser l-introduzzjoni diretta jew indiretta, b'riżultat ta' attività umana, ta' sustanzi, vibrazzjonijiet, sħana, storbju jew irwejjaħ fl-arja, fil-baħar jew fl-art li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-kwalità tal-ambjent, li jirriżultaw fi ħsara għal proprjetà materjali, jew jaffettwaw ħażin jew ifixklu l-faċilitajiet u l-użi oħra leġittimi tal-ambjent;'';

(r) Id-definizzjoni ta' "tjur" għandha tiġi sostitwita b'din id-definizzjoni ġdida li ġejja:

" "tjur" tfisser it-tjur kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (9), tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali"); '';

(s) Id-definizzjoni ta' "il-pubbliku kkonċernat" għandha tiġi sostitwita b'din id-definizzjoni ġdida li ġejja:

"il-pubbliku kkonċernat'' tfisser il-membri tal-pubbliku affettwati jew li x'aktarx li jiġu affettwati bit-teħid ta' deċiżjoni dwar il-ħruġ jew l-aġġornament ta' permess jew ta' kundizzjonijiet ta' permess jew li għandhom interess fihom. Għall-finijiet ta' din id-definizzjoni, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżiti skont il-liġi nazzjonali għandhom jitqiesu li għandhom interess;''.

**Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.**

**5.** Fil-proviso tas-subregolament (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, immedjatament wara l-kliem "regolamenti dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili" għandhom jiżdiedu il-kliem "jew it-trobbija tat-tjur u majjali".

**Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.**

**6.** Fis-subregolament (3) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali in-nota marginali "L.S. 549.71" għandha tiġi sostitwita b' "L.S. 549.46".

**Jissostitwixxi r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.**

**7.** Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament li ġej:

‘’9. Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedju għal Danni Ambjentali, fil-każ ta’ kwalunkwe inċident jew aċċident li jaffettwa b’mod sinjifikattiv s-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent:

(a) l-operatur għandu jinforma minnufih lill-awtorità kompetenti;

(b) l-operatur għandu minnufih jieħu miżuri sabiex jillimita l-konsegwenzi għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent u sabiex jipprevjeni l-possibilità ta’ aktar inċidenti jew aċċidenti; u

(c) l-awtorità kompetenti flimkien mal-awtoritajiet rilevanti inkluż, iżda mhux biss, id-Direttorat għas-Saħħa tal-Ambjentali għandha titlob lill-operatur sabiex jieħu kwalunkwe miżura komplementari adegwata li l-awtorità kompetenti tqis bħala meħtieġa sabiex tillimita l-konsegwenzi għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent u sabiex tipprevjeni l-possibilità ta’ aktar inċidenti jew aċċidenti:

Iżda, fil-każ ta’ tniġġis li jaffettwa r-riżorsi tal-ilma tax-xorb, inklużi r-riżorsi transkonfinali, jew li jaffettwa l-infrastruttura tal-ilma mormi fil-każ ta’ skariku indirett, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-operaturi tal-ilma tax-xorb u tal-ilma mormi li jkunu affettwati bil-miżuri meħuda biex jipprevjenu jew jirrimedjaw il-ħsara kkawżata minn dak it-tniġġis għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent:

Iżda wkoll f’każ ta’ kwalunkwe inċident jew aċċident li jaffettwa b’mod sinjifikattiv is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent fi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun seħħ l-aċċident jew l-inċident għandu jiżgura li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor tiġi infurmata minnufih. Il-kooperazzjoni transkonfinali u multidixxiplinari bejn l-Istati Membri affettwati għandu jkollha l-għan li tillimita l-konsegwenzi għall-ambjent u għas-saħħa tal-bniedem u li tipprevjeni l-possibblità aktar inċidenti jew aċċidenti.’’

**Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.**

**8.** Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b’dan li r-regolament ġdid li ġej:

‘’**10.** (1) L-operatur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-permess jiġu mħarsa.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tadotta ukoll miżuri li jassiguraw il-konformità biex tippromwovi, timmonitorja u tinforza l-konformità mal-obbligi imposti fuq persuni fiżiċi jew ġuridiċi skont dawn ir-Regolamenti.

(3) Fil-każ ta’ ksur tal-kundizzjonijiet tal-permess:

(a) l-operatur għandu jinforma minnufih lill-awtorità kompetenti;
(b) l-operatur għandu minnufih jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jerġa’ jkun hemm konformità fl-inqas żmien possibbli;
(c) l-awtorità kompetenti għandha tesiġi li l-operatur jieħu kwalunkwe miżura kumplementari adegwata li l-awtorità kompetenti tikkunsidra bħala meħtieġa sabiex jerġa’ jkun hemm konformità:

Iżda jekk l-operatur jonqos milli jikkonforma, l-awtorità kompetenti tista’ hi stess tieħu kwalunkwe miżura komplementari adegwata, bl-ispejjeż għall-operatur u tista’ tirkupra l-ispejjeż imġarrba mill-garanzija finanzjarja:

Iżda wkoll l-awtorità kompetenti tista’ ġġib fis-seħħ kwalunkwe miżura punittiva li tkun meqjusa bħala meħtieġa, inkluż il-ġbid tal-garanzija finanzjarja kollha jew parti minnha:

Iżda wkoll jekk l-ispejjeż ta’ dawn il-miżuri jeċċedu l-garanzija finanzjarja, l-operatur għandu jġorr l-ispejjeż addizzjonali. Tali azzjoni mill-awtorità kompetenti għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-regolamenti 17, 18 u 19.

(4) Fejn il-ksur tal-kundizzjonijiet għal permess ikun ta’ periklu immedjat għas-saħħa tal-bniedem jew jhedded li jikkawża effett immedjat negattiv sinjifikattiv fuq l-ambjent, u sakemm jerġa’ jkun hemm konformità skont is-subregolament (3)(b) u (ċ), it-tħaddim tal-istallazzjoni, l-impjant ta’ kombustjoni, l-impjant tal-inċinerazzjoni tal-iskart, l-impjant tal-koinċinerazzjoni tal-iskart jew parti rilevanti tiegħu għandha tkun sospiża mingħajr ebda dewmien:

Iżda meta tali ksur tal-kundizzjonijiet tal-permess jhedded is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-Istat Membru l-ieħor ikun infurmat.

**L.S. 549.77.**

**L.S. 549.77.**

(5) F’sitwazzjonijiet mhux koperti mis-subregolament (4), meta ksur persistenti tal-kondizzjonijiet tal- permess joħloq periklu għas-saħħa tal-bniedem jew jikkawża effett negattiv sinifikanti fuq l-ambjent, u fejn ma tkunx ġiet implimentata l-azzjoni meħtieġa biex jerġa’ jkun hemm il-konformità identifikata fir-rapport ta’ spezzjoni msemmi fir-regolament 17(6) tar-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali, it-tħaddim tal-installazzjoni, tal-impjant tal-kombustjoni, tal-impjant ta’ inċinerazzjoni tal-iskart, tal-impjant ta’ koinċinerazzjoni tal-iskart jew tal-parti rilevanti tiegħu jista’ jiġi sospiż mill-awtorità kompetenti sakemm terġa’ tiġi stabbilita l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-permess.

(6) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-miżuri ta’ sospensjoni msemmija fis-subregolamenti (4) u (5) u adottati minn awtoritajiet oħra fir-rigward ta’ operatur li jikser id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont dawn ir-Regolamenti jiġu infurzati b’mod effikaċi.

(7) Fil-każ ta’ ksur ta’ konformità li jolqot ir-riżorsi tal-ilma tax-xorb, inklużi r-riżorsi transkonfinali, jew li jaffettwa l-infrastruttura tal-ilma mormi fil-każ ta’ skariku indirett, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-operaturi tal-ilma tax-xorb u tal-ilma mormi, u lill-awtoritajiet rilevanti b’responsabbiltà rigward il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali kkonċernata, dwar il-ksur u l-miżuri meħuda biex jipprevjenu jew jirrimedjaw il-ħsara kkawżata, għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.’’

**Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.**

**L.S.549.77.**

**9.** Fis-subregolament (2) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, immedjatament wara l-kliem “tista’ tagħżel li ma timponix kondizzjonijiet” għandhom jiżdiedu il-kliem “stabbiliti fir-regolament 7(1)(aa) u r-regolament 8(7) tar-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali’’

**Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.**

**10.** Immedjatament wara regolament 19 għandhom jiżdiedu dawn ir-regolamenti ġodda li ġejjin:

‘**Penali amministrattivi.**

**20**. L-Awtorità tista' wkoll alternattivament timponi penali amministrattivi skont l-Artikoli 80 u 81 tal-Att:

Iżda għall-ksur l-aktar serju mwettaq minn persuna ġuridika, l-ammont massimu tal-penali finanzjarji amministrattivi għandu jkun mill-anqas 3% tal-fatturat annwali tal-operatur fis-sena finanzjarja li tippreċedi s-sena li fiha tkun ġiet imposta l-multa.

**Kumpens.**

**21.** (1) Meta jkun seħħ dannu għas-saħħa tal-bniedem bħala riżultat ta' ksur tal-miżuri nazzjonali adottati skont dawn ir-regolamenti, l-individwi milquta jkollhom id-dritt li jitolbu u jiksbu kumpens għal dak id-dannu mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti.

(2) Ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali relatati mat-talbiet għal kumpens għandhom jitfasslu u jiġu applikati b'tali mod li ma jagħmlux l-eżerċizzju tad-dritt għal kumpens għal dannu kkawżat minn ksur skont is-subregolament (1) impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

(3) L-azzjonijiet għal kumpens imsemmija fis-subregolament (1) għandhom ikunu preskritti fi żmien sentejn. Tali perjodu m'għandux jibda jiddekorri qabel ma l-ksur ikun waqaf u l-persuna li titlob il-kumpens tkun taf jew raġonevolment tista' tkun mistennija li taf li huwa jew hija ġarrbet dannu minn ksur skont is-subregolament (1).''

Commented [ZMaE1]: Or "jiskatta"

**Emenda konsegwenzjali.**
**L.S.549.46.**

**11.** Fis-subregolament (1) tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali, il-kliem "ir-Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem.

**Emenda konsegwenzjali.**
**L.S.549.63.**

**12.** Fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart, fid-definizzjoni ta' "l-aħjar metodi tekniċi disponibbli", il-kliem "Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ir-Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem.

**Emenda konsegwenzjali.**
**L.S.549.77.**

**13.** Fir-regolamenti dwar il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrat tat-Tniġġis tal-Emissjonijiet Industrijali, il-kliem "Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali" għandhom ikunu sostitwiti bil-kliem "ir-Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem" kull fejn jidhru.

**Emenda konsegwenzjali.**
**L.S. 549.78.**

**14.** Fir-Regolamenti dwar Impjanti Kbar tal-Kombustjoni fir-rigward ta' Emissjonijiet Industrijali, il-kliem "Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali" għandhom ikunu sostitwiti bil-kliem:

"Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem" kull fejn jidhru.

**Emenda konsegwenzjali.**
**L.S. 549.79.**

**15.** Fis-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar Limitazzjoni ta' Emissjonijiet ta' Komposti Organiċi Volatili fl-Emissjonijiet Industrijali, il-kliem "Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali" għandhom ikunu sostitwiti bil-kliem "Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem".

**Emenda konsegwenzjali.**
**L.S. 549.80.**

**16.** Fis-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar Dijossidu tat-Titanju fir-rigward ta' Emissjonijiet Industrijali, il-kliem "Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali" għandhom ikunu sostitwiti bil-kliem "Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem".

**Emenda konsegwenzjali.**
**L.S. 549.81.**

**17.** Fir-regolamenti dwar l-Inċinerazzjoni tal-Iskart fir-rigward tal-Emissjonijiet Industrijali, il-kliem "Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali" għandhom ikunu sostitwiti bil-kliem "Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem kull fejn jidhru.

**Emenda konsegwenzjali.**
**L.S. 549.97.**

**18.** Fil-paragrafu 1 tal-Iskeda III tar-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedjar ta' Danni Ambjentali, il-kliem "Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem".

**Emenda konsegwenzjali.**
**L.S. 549.100.**

**19.** Fl-iskeda tar-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qafas tal-Politika tal-Ilma, il-kliem "Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali" għandhom ikunu sostitwiti bil-kliem "Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem".

**Emenda konsegwenzjali.**
**L.S. 549.172.**

**20.** Fil-kateġorija 1.42 tal-Ewwel Skeda tar-Regolamenti dwar il-Permessi Ambjentali (Proċedura tal-Applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Tagħhom), il-kliem "Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali" għandhom ikunu sostitwiti bil-kliem "Regolamenti dwar l-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem".

DRAFT